MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 846/2005

**Carmel Bonnett (ID-164757M)**

**vs**

**Domenic u Mary konjugi Zahra**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2005 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm655.00) rapprezentanti hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550.00) rimanenti bilanc dovut lill-attur fuq bejgh ta' vettura "Marina" targata JAM-123, ai termini ta' skrittura privata datata 15 ta' Novembru 2002, u mija u hames liri Maltin (Lm105.00) rapprezentanti partijiet ta' vetturi debitament mibjugha u kkonsenjati mill-attur versu l-konvenuti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni enumerat 657/2005, liema mandat gie ddegretat mill-**

**Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' April, 2005 mill-Magistrat Dott. Michael Mallia, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-10 ta' Mejju, 2005 fejn intqal illi l-ammont mitlub mill-attur ma huwiex kollu dovut u dan stante l-fatt illi l-konvenuti ghamlu diversi pagamenti u dan kif ser jirrizulta waqt il-kawza.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Bonnett. Ra l-affidavit ta' Domenic Zahra u l-kontro-ezami tal-istess. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur Carmel Bonnett kien biegh karozza lill-konvenut Domenic Zahra u kienet saret skrittura datata 15 ta' Novembru, 2002, Dok BC1. Il-vettura kienet tal-marka Marina bin-numru tar-registrazzjoni GAM-123 u kienet inbieghet ghal tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00c) u Zahra kien hallas tlett mitt lira Maltija lill-attur (Lm300.00c). Apparti minn dan kien bieghlu steering box tiswa tmenin lira Maltija (Lm80.00), chassis tiswa hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), li b'kollox iggibu l-ammont mitlub.**
**2. Skond il-fthiem li sar il-konvenut kien intrabat li jhallas hamsin lira Maltija (Lm50.00) fuq il-prezz tal-vettura.**
**3. It-tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) mhallsa mill-konvenut jirrizultaw mid-Dok BC2 a fol 16 sa a fol 18 tal-process.**
**4. Domenic Zahra jghid illi xtara l-vettura bil-prezz ta' hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550.00) u hallas tlett mitt lira Maltija (Lm300.00). Dan huwa evidenti illi mhux minnu u d-Dok BC1 maghmul minn Dr Mark Busuttil juri illi dak li qed jghid il-konvenut huwa kollu zbaljat. Apparti minn hekk l-istess Domenic Zahra jkompli jhawwad meta jirreferi ghal prezz ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600.00), fid-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami.**

**5. Fl-istess sens it-Tribunal qed jiskarta x-xhieda ta' Roderick Zahra bhala mhux kredibbli. It-Tribunal mill-kumpless tal-provi, iqies it-talba attrici pruvata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija hamsa u hamsin lira Maltija (Lm655.00), bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' April, 2005. L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni enumerat 657/2005, liema mandat gie ddegretat mill-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' April, 2005 mill-Magistrat Dott. Michael Mallia, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------